**Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-154/08)**

(2008/C 171/29)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Afonso u F. Jimeno Fernández, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet**

— tikkonstata li billi kkunsidra s-servizzi mogħtija lil Komunità Autonoma għar-"registradores de la propriedad", fil-kwalità tagħhom bħala stralċjarji li huma proprjetarji ta' uffiċċju ta' stralċ fis-settur ta' l-ipoteki (officina liquidadora de districo ipotecario) mhumiex suġġetti għall-VAT, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 2 u l-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva tal-VAT ([1]).

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

1. Ir-"registradores de la propriedad" huma professjonisti maħtura mill-Istat Spanjol u inkarigati mit-tmexxija ta' "Registros de Propriedad" (reġistri tal-beni immobbli). Huma jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f'isimhom stess, huma liberi li jorganizzaw ix-xogħol tagħhom, jagħżlu l-persunal tagħhom u jirċievu ħlasijiet li jikkostitwixxu d-dħul remunerattiv tagħhom. Bosta Komunitajiet Awtonomi fdawlhom diversi missjonijiet dwar il-kalkolu ta' ċerti taxxi. Bħala retribuzzjoni ta' dawn is-servizzi, ir-"registratores" jirċievu perċentwali tat-taxxi miġbura.

2. Fir-rigward tal-VAT, l-amministrazzjoni Spanjola tqis tradizzjonalment li, fil-kuntest tat-twettiq ta' dawn il-missjonijiet għall-Komunitajiet Awtonomi, ir-"registradores" għandhom jiġu kkunsidrati bħala impjegati jew professjonisti li jipprovdu servizzi suġġetti għall-VAT. L-argumenti mressqa dwar dan is-suġġett mill-amministrazzjoni Spanjola kienu essenzjalment ibbażati fuq is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 1987 (C-235/85, *Il-Kummissjoni vs L-Olanda*) ([2]) u tal-25 ta' Lulju 1991 (C-202/90, *Ayuntamiento de Sevilla*) ([3]).

3. Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju 2003, il-Qorti Suprema ta' Spanja kkunsidrat li, fir-rigward ta' l-attivitajiet speċifiċi li fdawlhom il-Komunitajiet Awtonomi li jikkonsistu fil-kalkolu u l-ġbir ta' ċerti taxxi, ir-"registradores" huma sempliċi uffiċjali u jagħmlu parti mis-servizz pubbliku. Fuq il-bażi ta' din is-sentenza, mogħtija fil-kuntest ta' appell "fl-interess tal-liġi", l-amministrazzjoni Spanjola tiddikjara li dawn is-servizzi mhumiex suġġetti għall-VAT.

4. Bil-kontra, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-servzzi pprovduti lill-Komunitajiet Awtonomi mir-"registradores" għandhom jiġu suġġetti għall-VAT, skond ir-regola ġenerali stipulata mill-Artikolu 2 tas-Sitt Direttiva. Din il-konstatazzjoni tispjega ruħha mill-fatt li r-"registradores-liquidadores" jaġixxu in kwantu professjonisti li jmexxu r-riżorsi umani u materjali tagħhom b'mod awtonomu u indipendenti fid-dawl tal-provvista tas-servizzi, kif jeħtieġ l-Artikolu 4(1) tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq, u huma ma jinsabux, f'dan il-każ, f'relazzjoni ta' subordinazzjoni u ta' dipendenza li hija essenziali sabiex wieħed jista' jikkunsidra li s-servizzi in kwistjoni ġew effettwati minn uffiċjali għall-amministrazzjoni li jagħmlu parti minnha, li mhumiex, f'din l-ipoteżi, suġġetti għall-VAT. Ir-"registrador-liquidador" mhuwiex korp amministrattiv tal-Komunità Awtonoma, lanqas element kostituttiv, integrat jew intern magħha, iżda persuna indipendenti u distinta li l-Komunità Awtonoma tikkonkludi magħha kuntratt ta' prestazzjoni ta' servizzi bi ħlas.

5. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-ġurisprudenza sabiex tiġi stabilita r-responsabbiltà tar-Renju ta' Spanja li jirriżultaw mill-interpretazzjoni tagħha tad-dritt Komunitarju, li mhuwiex konformi la ma' l-ispirtu tagħha, la ma' l-għan tagħha u lanqas mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma preżenti f'dan il-każ. Fl-ewwel lok, il-grad tal-Qorti Suprema in kwantu qorti superjuri, bla ħsara għad-dispożżzjonijiet previsti fil-qasam ta' garanziji Kostituzzjonali. Fit-tieni lok, ir-rilevanza u l-effett tad-deċiżjoni li bħala prinċipju tmur kontra l-interpretazzjoni stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja u li, fid-dawl tan-natura obbligatoria tagħha, twassal għal bidla assoluta tal-ġurisprudenza tal-qrati inferjuri u tal-prattika ta' l-amministrazzjoni Spanjola. Fit-tielet lok, il-produzzjoni ta' effetti dannużi fis-settur tal-VAT li tista' taffettwa r-riżorsi proprji tal-Komunità. Konsegwentement, l-amministrazzjoni Spanjola ma tistax tinvoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti suprema sabiex tiġġustifika n-nuqqas ta' twettiq tad-dritt Komunitarju.

([1]) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1).
([2]) Ġabra p. 1471.
([3]) Ġabra p. 4247.

**Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Hoge Raad der Nederlanden fis-16 ta' April 2008 — E.H.A. Passenheim-van Schoot vs Staatssecretaris van Financiën**

**(Kawża C-157/08)**

(2008/C 171/30)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* E.H.A. Passenheim-van Schoot.

*Konvenuta:* Staatssecretaris van Financiën.

**Domandi preliminari**

L-Artikoli 49 u 56 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li Stat Membru, fil-każ li (dħul minn) assi ta' tifdil barranin ma jkunux iddikjarati lill-awtorità fiskali ta' dan l-Istat, japplika leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex tikkumpensa għan-nuqqas ta' possibbiltajiet effettivi ta' kontroll ta' dawn l-assi, tipprevedi terminu ta' aġġustament tat-taxxa ta' tnax-il sena filwaqt li (dħul minn) assi ta' tifdil miżmuma fit-territorju nazzjonali, fejn jeżistu possibbiltajiet effettivi ta' kontroll, huma suġġetti għal terminu ta' aġġustament ta' ħames snin?

---

**Appell ippreżentat fil-15 ta' April 2008 minn Isabella Scippacercola u Ioannis Terezakis mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) mogħtija fis-16 ta' Jannar 2008 fil-kawża T-306/05: Isabella Scippacercola u Ioannis Terezakis vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

**(Kawża C-159/08 P)**

(2008/C 171/31)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Isabella Scippacercola, Ioannis Terezakis (rappreżentant: B. Lombart, avocat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet ta' l-appellanti**

— tanulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kawża T-306/05 Isabella Scippacercola u Ioannis Terezakis vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej li ċaħdet ir-rikors tagħhom għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2005 mogħtija skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 ([1]) innotifikata lill-appellanti fis-6 ta' Frar 2008 li tirrifjuta li tiftaħ investigazzjoni fil-fond dwar l-imposti eċċessivi magħmula mill-Ajruport Internazzjonali ta' Ateni ta' Spata l-ġdid li għandu pożizzjoni dominanti fir-rigward ta':

(a) imposta tas-sigurtà tal-passiġġieri

(b) imposta tal-faċilità tat-terminal tal-passiġġieri

(ċ) imposti għas-servizzi ta' l-ipparkjar ta' karozzi

— tordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza jithallsu mill-Kummissjoni.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti jissottomettu li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tistabbilixxi li bin-nuqqas tagħha li teżamina l-imposti ta' l-AIA fir-rigward tas-sigurtà, tal-faċilitajiet tat-terminals u ta' l-ipparkjar tal-karozzi fid-dawl ta' l-ispejjeż tagħhom u billi għamlet paraguni inkonklużivi ta' l-imposti ta' l-AIA ma' dawk ta' ajruporti Ewropej oħra li ma jipprovdux servizzi kompetituri għall-finijiet ta' l-Artikolu 82 KE, il-Kummissjoni kisret id-dritt Komunitarju kif stabbilit fil-kawża 27/76 United Brands vs Il-Kummissjoni u li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret id-dritt Komunitarju billi naqset milli tistabbilixxi li l-Kummissjoni, fl-ewwel lok, naqset milli tikkunsidra l-aspetti fattwali rilevanti kollha li kienu jeżistu meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata kif rikjest mill-ġurisprudenza fil-kawża C-119/97 Ufex *et* vs Il-Kummissjoni, u, fit-tieni lok, ibbażat id-deċiżjoni kkontestata tagħha fuq fatti materjalment inkorretti u għalhekk hija vvizjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni u użu ħażin ta' poter.

Qed jiġi argumentat li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' liġi billi ma sabitx li l-Kummissjoni għamlet żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li l-kontrolli tas-sigurtà ma kinux jikkostitwixxu attività ekonomika u li s-servizzi ta' l-ipparkjar ta' karozzi ma kinux jikkostitwixxu suq rilevanti għall-finijiet ta' l-Artikolu 82 KE.

Fir-rigward ta' l-allegat żball ta' liġi dwar l-applikazzjoni ta' imposta tal-faċilità tat-terminal għall-passiġġieri fuq titjiriet intra-Komunitarji u internazzjonali li hija ogħla minn dik applikata għal dawk fuq titjiriet domestiċi, u l-applikazzjoni ta' imposta tal-faċilità tat-terminal u ta' imposta tas-sigurtà għall-passiġġieri fuq titjiriet skedati li m'humiex applikati għal dawk fuq titjiriet charter, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tistabbilixxi li l-Kummissjoni rrifjutat li tieħu ħsieb tiżgura li l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni ma ġiex miksur mill-prattiċi ta' l-AIA.

Fl-aħħar nett, qed jiġi sottomess li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tiddeċiedi li l-Kummissjoni ma żammitx mad-drittijiet u l-proċeduri stabbiliti, fl-ewwel lok, billi injorat iċ-ċifri li l-appellanti ħadu minn fonti uffiċjali li juru li l-AIA imponiet prezzijiet eċċessivi, fit-tieni lok, billi pparagunat l-imposti ta' Spata ma' dawk ta' ajruporti Ewropej oħra li kienu irrilevanti għall-finijiet ta' l-Artikolu 82 KE u, fit-tielet lok, billi għamlet talba għal informazzjoni lill-AIA fejn naqset, *inter alia*, milli teżamina l-ispiża tal-kostruzzjoni ta' l-ajruport u l-ispejjeż ta' inkorporazzjoni u ta' stabbiliment ta' l-AIA.

---

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004, tas-7 ta' April 2004, dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 123, p. 18).